**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 16 ta' Diċembru 2021**

**Rikors Nru. 482/2021 GM**

**TOP3 International Limited (C-47017)**

**vs**

**Jazz Leisure Company Limited (C7 378)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tas-soċjeta` Jazz Leisure Company Limited, (C7378), li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti sabiex:

> Il-Qorti Kostituzzjonali terġa' tikkonsidra ritrattazzjoni u tappunta awditur biex jeżamina l-każ u d-dokumenti sottomessi.

(i) Il-Kumpanija, Jazz Leisure Co. Ltd, ma għandhiex aċċess għall-kotba tal-kontijiet ta' TOP3 International Ltd, biex tipprova li huma ġew rifondati għall-biljetti ta' vjaġġar ritornati lura, meta dawn ma ġewx użati.

L-istqarrijiet ta' TOP3 juru li Jazz xtrat u ħallset għall-biljetti tal-ivjaġġar. Meta 1-biljetti mhux użati ġew mgħoddija lura, TOP3 irċeviet l-flus mingħand il-linja tal-ajru imma naqset li tammetti dan u naqset li tirrifondi lil Jazz.

Awditur, bl-awtorita` tal-Qorti jkun jista' jistabbilixxi din il-pretensjoni ta' Jazz Co.

(ii) L-avukat ta' TOP3, Avv. John Vassallo, LL.D. iffirma b'mod falz is-sekwestru maħruġ minn Jazz kontra TOP3 meta l-proċeduri legali kienu għaddejja, iddikjara b'mod frawdulenti li s-sekwestru kien qed jiġi kkanċellat minn Jazz.

Rat ir-Risposta tas-soċjetà TOP3 International Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C 40717, għar-rikors intavolat nhar 20 ta` Lulju 2021, li permezz tagħha eċċepiet illi :

1. Din il-Qorti mhux mogħtija l-ġurisdizzjoni li tisma` u tiddeċiedi r-rikors *de quo* peress li din l-Onorabbli Qorti mhux dik legalment munita bil-kompetenza f`każ bħal dak in deżamina u *ai termini* tal-artikolu 811 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta` Malta;
2. In-nullita` tar-rikors tas-soċjetà ritrattandi peress li huwa għal kollox r-ritwali u proċeduralment monk, u b'hekk għandu jiġi skartat minn din l-Onorabbli Qorti. Dan ir-rikors għar-ritrattazzjoni huwa nieqes mit-talba għar-revoka tas-sentenza mpunjata u b`hekk għandu jkun skartat stante li din tal-aħħar hija rekwiżit assolutament neċessarju, *di piu* d-diċitura tar-rikors tas-soċjetà ritrattandi hija monka fir-rekwiżiti bażiċi u elementari tal-proċedura nostrana;
3. Ukoll in linja preliminari u mingħajr preġudizzju għas-sudett s-soċjetà ritrattandi naqset milli (i) ssemmi wieħed wieħed il-kapi tas-sentenza li qed tittanta jiġu attakkati, (ii) issemmi r-raġunijiet għar-ritrattażżjoni fil-kliem li huma miġjuba fl-artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta`

Malta, (iii) issemmi d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta` Malta li jgħoddu għal dawk ir-raġunijiet u (iv) tfisser fil-qosor u biċ-ċar, il-fatti li minnhom tirriżulta kull waħda minn dawk ir-raġunijiet;

4. It-talbiet tar-rikorrent huma totalment infondati kemm fil-fatt u fid-dritt, u konsegwentement jimmeritaw illi jiġu miċħuda fl-intier tagħhom, billi, fost oħrajn:
   a. it-talba tas-soċjeta' rikorrenti f'dina 'l-kawża' fir-rigward tal-ħatra ta' awditur hija kompletament illogika u bl-iċken immaġinazzjoni ma tagħmel ebda sens b'mod partikolari issa li diġa` ingħatat deċiżjoni mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell;
   b. ma huwa minnu xejn illi l-Avukat John Vassallo ffirma b'mod falz xi dokument għan-nom tas-soċjeta' rikorrenti kif qed jallega l-Avukat John Azzopardi. L-Avukat John Azzopardi qiegħed jinżamm responsabbli għall-aġir irresponsabbli tiegħu b'dikjarazzjoni falza, malizzjuża u qarrieqa li hu issa għoġbu jiddikjara taħt ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel tlett eċċezzjonijiet.

Ikkunsidrat:

It-talba qiegħdha ssir lill-Qorti Kostituzzjonali. Din il-Qorti mhix il-Qorti Kostituzzjonali imma l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Għalhekk ma tistax tieħu konjizzjoni tagħha. Dan apparti li m'hemmx riferenza għad-data tas-sentenza ritrattanda u lanqas għall-premessi u d-*decide* tagħha. Loġikament u ġuridikament il-Qorti jkollha tieqaf hawn għax jekk m'għandhiex kompetenza ma tista' tagħmel l-ebda pronunzjament dwar ir-ritwalita` tal-azzjoni. B'danakollu, sejra tikkummenta *obiter* dwar it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet bħala *avviso ai naviganti.*

Qieghdha tintalab "ritrattazzjoni". Qajla għandha din il-Qorti tfakkar li l-proċedura ta' ritrattazzjoni hija waħda straordinarja u, b'differenza għall-proċedura ġudizzjarja in ġenerali, waħda formalistika. Il-proċedura tar-

ritrattazzjoni tinqasam f'żewġ stadji, l-*in rescindente* (tħassir tal-ewwel sentenza) u l-*in rescissorio* (smigħ mill-ġdid tagħha). Smigħ mill-ġdid ma jistax jintalab qabel ma s-sentenza impunjanda titħassar u ma saret l-ebda talba f'dan is-sens.

Ir-rikors promotur jonqos milli jissodisfa l-vot tal-liġi għaliex ma jsemmix wieħed wieħed il-kapi tas-sentenza li qed tittanta jiġu attakkati; ir-raġunijiet għar-ritrattazzjoni fil-kliem li huma miġjuba fl-artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta` Malta; u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta` Malta li jgħoddu għal dawk ir-raġunijiet; u ma jfissirx fil-qosor u biċ-ċar, il-fatti li minnhom tirriżulta kull waħda minn dawk ir-raġunijiet.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tar-ritrattata billi tiddikjara li mhix il-Qorti kompetenti biex tisma' l-każ u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet l-oħrajn.

Spejjeż a kariku tar-ritrattand.

MOQRIJA

GRAZIO MERCIECA

IMĦALLEF